# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**Illum, il-Hamis 21 ta' Gunju, 2001.**

**Kawza Nru. 25.**
**Citazz. Nru. 2665/00 JRM**

**Alisa MUSCAT sive MUSCAT STEVANOVIC, mart Roderick MUSCAT, minnu de facto isseparata: Numru tal-Passaport Malti 585886, validu sal-25 ta' Frar, 2010, cittadina maltija, residenti**

**vs**

**Is-Socjeta' Kummercjali BAM ! LIMITED – Registration Number C221125, 13 ta' Novembru, 1997; u Roderick MUSCAT, Managing Director ta' BAM ! LIMITED, fil-kummerc, I.D. Numru 393476.**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fit-28 ta' Dicembru, 2000, li bih l-attrici ppremettiet:

## PREMESSI:

1. Illi nhar l-Erbgha, l-ghoxrin ta' Dicembru, tas-sena elfejn (20.12.2000), fis-siegha u kwart ta' wara nofsinhar (1.15 p.m.) l-attrici odjerna intavolat kawza in konnessjoni ma' firda legali u talbiet konnessi (Qorti tal-Familja) kontra l- konvenut zewgha Muscat Roderick, li issa ilha minnu 'de facto' isseparata ghall-diversi xhur, u dan fl-ismijiet "Muscat Alisa sive Muscat Stevanovic Alisa mart il-konvenut Roderick Muscat, minnu 'de facto' isseparata: Numru tal-Passaport 585886, cittadina Maltija - versus - Muscat Roderick, iben Anthony, I.D. Numru 393476(M)" liema kawza ghall-ragunijiet ovvji ghada mhux appuntata pero' li ghandha n-numru tar-referenza citazzjoni numru 2643/00 – NA;

2. Illi l-attrici qeghda ghaldaqstant immedjatament taghmel referenza ghac-citazzjoni ndikata fl-ewwel premessa minn fejn jirrizulta li l-attrici hija legalment mizzewga lill-konvenut Muscat Roderick permezz taz-Zwieg Civili fir-Registru Pubbliku ta' Malta, liema zwieg sehh nhar il-Hadd, tlieta u ghoxrin ta' Marzu, tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (23.03.1997), u dana skond ma jindika estratt veru

mill-att taz-zwieg tal-attrici numru 245/1997, liema dokument gie mehmuz ma' l-elenku tad-dokumenti u ndikat bhala dokument MSA 5 fic-citazzjoni ndikata fil-premessa precedenti;

3. Illi fost id-dsatax (19) il-talba tal-attrici fic-citazzjoni ndikata fl-ewwel premessa ma' din ic-citazzjoni odjerna, *inter alia,* fit-talba numru tlettax (13), l-attrici talbet li tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u bejn zewgha u dan a bazi tal-artikolu 55 fl-intier tieghu tal-Kodici Civili Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghaldaqstant b'obbjettiv partikolari ta' salvagwardar tal-interessi taghha kollha tal-istess komunjoni, l-attrici kienet kostretta li tintavola c-citazzjoni odjerna;

4. Illi l-istess attrici odjerna talbet il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru kontra d-debitur konvenut Muscat Roderick, iben Anthony u Carmela nee' Muscat, imwieled Pieta, fil-kummerc, karta ta' l-Identita' numru 393476(M), u dan sabiex tissalvagwardja l-pretenzjoni taghha ammontanti bhala sorte biss ghall-ammont ta' hamsa u tmenin elf lira maltin (Lm85,000), rizervati l-imghaxijiet u rizervati l-ispejjez, liema Mandat ta' Sekwestru jgieb n-numru 4350/00, pprezentat nhar l-ghoxrin ta' Dicembru, tas-sena elfejn (20.12.2000), fl-ismijiet "(Kreditur) Muscat Stevanovic Alisa, mart Roderick Muscat, minnu 'de facto' isseparata, bint Zoran u Azra nee' Hrnjic, imwielda Yugoslavia, Numru tal-Passaport 585886 - versus - (Debitur) Muscat Roderick, iben Anthony u Carmela nee' Muscat, imwieled Pieta, fil-kummerc, karta ta' l-identita' numru 393476(M)";

5. Illi l-istess attrici fl-istess jum ta' nhar l-Erbgha, ghoxrin ta' Dicembru, tas-sena elfejn ( 20.12.2000) talbet il-hrug ta' Mandat ta' Qbid kontra l-istess konvenut Muscat Roderick, Mandat ta' Qbid numru 4351/00-AC, fl-ismijiet "(Kreditur) Muscat Stevanovic Alisa, mart Roderick Muscat, minnu 'de facto' isseparata, bint Zoran u Azra nee' Hrnjic, imwielda Yugoslavia, Numru tal-Passaport 585886 - versus - (Debitur) Muscat Roderick, iben Anthony u Carmela nee' Muscat,

imwieled Pieta, fil-kummerc, karta ta' l-Identita' numru 393476(M)";

6. Illi dawn iz-zewg mandati gew debitament akkordati u notifikati;

7. Illi anke f'din ic-citazzjoni odjerna, sejrin jinhargu mandati ta' Sekwestru u mandati ta' Inibizzjoni kontra s-socjeta' konvenuta BAM ! Limited biex l-istess attrici tissalvagwardja sehemha mill-ishma li hi ghandha fil-BAM ! Limited considerando illi l-konvenut Muscat Roderick huwa l-Managing Director u fuq il-Bord tad-Diretturi tal-istess socjeta' kummercjali BAM ! Limited li giet irregistrata nhar it-tlettax ta' Novembru, tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin ( 13.11.1997), bin-numru tar-registrazzjoni C22125;

8. Illi mit-twaqqif taghha l-attrici kienet dejjem intimament involuta mas-socjeta' kummercjali BAM ! Limited flimkien mal-konvenut zewgha Roderick Muscat u ma' terzi persuni bhal ma huma Robert Arrigo u Josef Micallef li dwar is-sehem taghhom jinghata aktar dettal kemm f'din il-kawza odjerna kif ukoll fil-mori ta' din il-kawza meta jinstemghu l-provi;

9. Illi skond il-ligi li tirregola s-socjetajiet kummercjali, u cioe' il-Companies Act 1995, ic-certifikat tar-registrazzjoni ta' din is-socjeta' kummercjali b'liabilita' limitata a bazi ta' artikolu 77 tal-istess Companies Act 1995, BAM ! Limited kellha l-ewwel ufficju tar-Registrazzjoni taghha f'numru 1, Wentsworth Court, Triq il-Qrempuc, San Gwann SGN 05, u n-numru tar-registrazzjoni kien C22125, u data tar-registrazzjoni taghha kienet effettiva mit-tlettax ta' Novembru, tal-elf disa' mija sebgha u disghin ( 13.11.1997), skond kopja awtentikata fil-pussess tal-attrici rilaxxata minn Lilian Bezzina, ghan-nom tar- Registratur tal-Kumpaniji, nhar il-hdax ta' Lulju, tas-sena elfejn (11.07.2000) u A. Ciappara ffirma ghar-Registratur;

10. Illi jigi ghalhekk illi gia' la darba l-attrici hija mart wiehed mill-fundaturi, diretturi, il-Managing Director, tal-istess socjeta' kummercjali BAM ! Limited, u anke kienet indikata

fuq il-biljetti di visita bhala segretarja ma' l-istess socjeta' kummercjali, l-istess attrici ghandha sehemha mhux biss mill-ishma li ghandu zewgha l-konvenut Roderick Muscat fis-socjeta' kummercjali BAM ! Limited, imma anke ghandha sehem mill-qliegh li taghmel l-istess socjeta' kummercjali, u kwindi certu nteressi li biex tissalvagwardja sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti, hija kienet kostretta li tintavola din ic-citazzjoni odjerna apparti dik ta' firda legali u talbiet konnessi kontra istess zewgha Roderick Muscat kif effettivament inghata taghrif aktar 'il fuq f'dawn il-premsssi odjerni;

11. Illi l-kopja awtentikata fil-pussess tal-atttrici giet rilaxxata mill-Malta Financial Services Center mir-Registru tas-Socjetajiet Kummercjali, kif huwa l-kaz tal-BAM ! Limited;

12. Illi l-konvenut Roderick Muscat nhar il-hdax ta' Novembru, tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (11.11.1997), kien hallas mitt lira maltin (Lm100) biex fetah akkont ghal din is-socjeta' kummercjali li kienet qed tigi ffurmata u dan mal-fergha tal-Bank of Valletta fil-Preluna Towers, f'San Giljan, u effettivament il-kumpanija kienet irregistrata fit-tlettax ta' Novembru, tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (13.11.1997) bid-diretturi ewlenin indikati bhala Roderick Muscat u Josef Micallef. Illi effettivament is-segretarju tal-Kumpanija kien indikat bhala Josef Micallef ta' numru 95, Tonna Street, Sliema – SLM 13, li ghandu n-numru tal-Karta ta' l-Identita' 138575(M), filwaqt li l-ewwel zewg diretturi tas-socjeta' kummercjali BAM ! Limited kienu Roderick Muscat bl-indirizz f'numru 7, Carmel Street, Sliema – SLM 02, li ghandu n-numru tal-karta ta' l-Identita' 393476(M);

13. Illi inizjalment il-kapital awtorizzat ghal din il-kumpanija kellu jkun ta' elf lira maltin (Lm1,000) b'kull sehem jiswa lira maltija (Lm1), u l-kapital li attwalment inhareg kien ta' hames mitt lira maltin (Lm500), li minnu thallas ghoxrin fil-mija (20%) b'mod illi l-imsemmi Roderick Muscat kien ser ikollu mitejn u hamsin lira maltin (Lm250) bhala ishma ordinarji fil-valur ta' lira maltija (Lm1) ghal kull sehem, u Josef Micallef

fl-istess ammont u bl-istess valur ghal kull sehem, u dan skond id-dettalji li nghataw;

14. Illi din is-socjeta' kummercjali hija A Private Limited Liability Company, l-isem ufficjali taghha BAM ! Limited, u illi l-attrici awtomatikament ghandha sehem minn dak kollu li kellu zewgha l-konvenut Roderick Muscat li ma' l-istess zewgha issa qeghda fi proceduri ta' firda legali u li citazzjoni fil-Qorti kontenzjuz b'dan l-objettiv diga' giet intavolata skond ma gie ndikat aktar 'il fuq f'dawn il-premessi;

15. Illi jirrizulta illi fit-tmienja ta' Mejju, tal-elf disa' mija tmienja u disghin (08.05.1998), u cioe' inqas minn sena minn mindu din il-kumpanija kienet twaqfet, Edward Fenech, A.C.C.A., M.I.A., ta' Appartament numru 2, Meridan Court, Reggie Miller Street, tas-Sliema, u li ghandu n-numru tal-Karta ta' l-Identita' 141371(M), u Robert Arrigo tal-indirizz 48, Main Street, San Giljan, li ghandu n-numru tal-Karta ta' l-Identita' 856454(M) gew mahtura wkoll Diretturi f'din is-socjeta' kummerjcali BAM ! Limited, fejn l-ishma tal-kumpanija gew mizjuda b'hames mitt (500) sehem iehor ta' lira maltija (Lm1) ghal kull sehem, b'mod illi Edward Fenech, Robert Arrigo, Josef Micallef u Roderick Muscat saru issa l-erba' diretturi responsabbli ghat-tmexxija ta' din il-kumpanija b'sehem ta' mitejn u hamsin (250) sehem ordinarju ta' lira maltija (Lm1) ghal kull sehem, kull wiehed, u li globalment hallsu ghoxrin fil-mija (20%) minn kull sehem li kull Direttur kellu f'din is-socjeta' kummercjali BAM ! Limited;

16. Illi l-attrici ghandha interess li jkollha taghrif aggornat dwar kif tmexxiet u ser titmexxa din is-socjeta' kummercjali sakemm tigi xolta l-Komunjoni tal-Akkwisti bejna u bejn zewgha l-konvenut Roderick Muscat, trid valur ghall-istess ishma tal-kumpanija, u qed tippremetti li hija tiftakar kjarament illi kull direttur f'din il-kumpanija kien qieghed ihallas lilu nnifsu l-ammont ta' elf u hames mitt lira maltin (Lm1,500) bhala salarju kull xahar, apparti minn privileggi ohra li kienu qeghdin jittiehdu minn fuq l-assi ta' din is-

socjeta' kummercjali, kif l-istess attrici telabora fil-mori ta' din il-kawza;

17. Illi fuq l-aktar skala minima possibbli f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, l-attrici qed taghmel kalkolu illi bbazat fuq is-salarju ta'zewgha ta' elf u hames mitt lira maltin (Lm1,500) fix-xahar, stante li ma hemmx ulied mir-relazzjoni ta' bejn il-konjugi Muscat, hemm skond il-ligi bazi ta' seba' mija u hamsin lira maltin (Lm750) dovut fix-xahar lill-istess attrici li kkalkolat fuq il-formola normali ossia immultiplikat bin-numru tnax (12) ghat-tnax-il xahar fis-sena u bin-numru ghaxra (10) ghall-ghaxar snin ta' salvagwardar ta' dan id-dritt igib li minimalment l-attrici ghandha tiehu minghand il-Kumpanija BAM l-ammont ta' disghin elf lira maltin (Lm90,000);

18. Illi ma dawn jinghaddu d-diversi privileggi li l-istess konvenut Roderick Muscat jiehu minghand is-socjeta' kummercjali BAM ! Limited kalkolati fuq l-aktar skala minima fl-ammont ta' madwar elfejn lira maltin (Lm2,000) fix-xahar li kalkolat fuq l-iskala kif multiplikat ma' tnax (12) igib erba' u ghoxrin elf lira maltin (Lm24,000) fis-sena immultiplikat b'ghaxra (10) jaghti l-ammont ta' mitejn u erbghin elf lira maltin (Lm240,000) bhala salvagwardar ghall-pretenzjonijiet tal-istess attrici, li maghduda ma' l-ammont ta' disghin elf lira maltin (Lm90,000) igib l-ammont ta' tlett mija u tletin elf lira maltin (Lm330,000) maghdudin fuq l-aktar skala minima ta' medja ta' ghaxart elef lira maltin (Lm10,000) assi tas-socjeta' kummercjali dovuti bhala sehem lill-attrici iwassal ghall-ammont ta' tlett mija u erbghin elf lira maltin (Lm340,000) u dan ikkalkolat ukoll bhala sehem l-attrici nofs il-valur tal-vettura Kia proprjeta tal-konvenut Roderick Muscat imma mhallsa minn BAM ! Limited bhala sehem l-attrici hemm l-ammont ta' hamest elef lira maltin (Lm5,000) li jaghti cifra minima bhala sehem dovut lill-attrici ta' tlett mija u hamsa u erbghin elf lira maltin (Lm345,000);

19. Illi l-attrici qed tikkalkola li sehem taghha mis-socjeta' kummercjali BAM ! Limited kopert is-salarju li jdahhal il-

konvenut Roderick Muscat ikkalkolat fuq l-iskala normali ta' sena immultiplikata b'ghaxar (10) snin, l-addendas li l-istess konvenut Roderick Muscat jiehu mill-istess socjeta' kummercjali u taht l-isem l-istess socjeta' kummercjali valutati madwar elfejn lira maltin (Lm2,000), kwindi elf lira maltin (Lm1,000) ghall-istess attrici mmultiplikata bi tnax (12)-il xahar, li jaghtik tnax-il elf lira maltin (Lm12,000), immultipikat b'ghaxra (10) = mija u ghoxrin elf lira maltin (Lm120,000), flimkien ma' sehem l-attrici mill-valur originali ta' l-ishma ta' zewgha Roderick Muscat mizjuda b'Assi bazici bhala sehem l-attrici valutati ghall-ghaxart elef lira maltin (Lm10,000) u s-sehem taghha mill-vettura li qed thallas is-socjeta' kummercjali BAM ! Limited, jigi ghalhekk li l-attrici Alisa Muscat sive Alisa Muscat Stevanovic ghandha pretenzjoni li s-sehem taghha f'din is-socjeta' kummercjali BAM ! Limited jammonta attwalment ghac-cifra ta' mitejn u hamsa u ghoxrin elf, mija u hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm225,125);

20. Illi biex tissalvagwarda l-pretenzjonijiet legalment fondati taghha, l-attrici qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti biex *pendente lite*, u sakemm tigi deciza din il-kawza definittivament provizorjarment u biex tikkawtela d-drittijiet taghha hija qed titlob il-hrug ta' mandat ta' Sekwestru, ta' Inibizzjoni, u ta' Qbid fl-ammont ta' mitejn u hamsa u ghoxrin elf, mija u hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm225,125), li aktar dettalji dwarhom l-istess attrici telabora fil-mori ta' din il-kawza odjerna;

21. Illi, ghaldaqstant, il-pretenzjonijiet legali u fattwali tal-attrici f'din il-kawza odjerna huwa illi tissalvagwardja d-drittijiet taghha mis-salarju li kien jigi vversat lil zewgha l-konvenut Roderick Muscat li kontra tieghu personalment l-istess attrici diga' ntavolat il-kawza nkonnessjoni mal-firda legali u talbiet konnessi f'jum l- Erbgha, ghoxrin ta' Dicembru, tas-sena elfejn (20.12.2000), fir-Registru ta' din il-Qorti (Qorti tal-Familja) fis-siegha neqsin kwart ta' wara nofs in-nhar

(12.45p.m.), u anke ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru numru 4350/00 u Mandat ta' Qbid numru 4351/00 – AC kif fuq diga' mfisser, u fl-ammonti kawtelatorji u preliminari ta' hamsa u tmenin elf lira maltin (Lm85,000);

22. Illi ukoll l-attrici trid tissalvagwardja s-salarju spettanti lilha bhala segretarja ta' BAM ! Limited, kif ukoll sehemha mill-ishma li ghandu zewgha l-konvenut fl-istess socjeta' kummercjali, sehemha mill-assi li jappartjenu lill-istess socjeta' kummercjali li taghha z-zewgha huwa l-Managing Director, kif ukoll sehemha mill-vettura KIA bin-numru tar-registrazzjoni BAM 001, li nxtrat mill-assi tal-istess socjeta' kummercjali u li bhala cifra konservattiva fi skala minima taghha l-attrici qed tippretendi l-ammont ta' mitejn u hamsa u ghoxrin elf mija u hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm225,125);

23. Illi jigi pprecizat li d-Diretturi originali ta' din is-socjeta' kummercjali fil-bidu kienu erbgha li gew indikati, imma li odjernament, id-Diretturi huma tlieta, u cioe' il-konvenut Roderick Muscat bhala Managing Director, Robert Arrigo li huwa dak li legalment jigi mfisser bhala s-*sleeping partner*, u certu John Bugeja, u ghalhekk dawn it-tlett persuni ta' l-ahhar huma t-tlett diretturi attwali li qed imexxu s-socjeta' kummercjali BAM ! Limited;

24. Illi l-attrici fl-istadju tal-mori ta' din il-kawza fi hsieba taghti aktar dettalji, anzi ddettalji kollha ta' kif kienet titmexxa BAM ! Limited, u kif kienet titmexxa sakemm kienet ilha hemm hi, u anke sakemm kien ilu hemm missierha, cioe' Zoran Stevanovic, sa nhar is-Sibt, tmintax ta' Novembru, tas-sena elfejn (18.11.2000) meta b'kongura ippremeditata, certu Gordon Pace li qed jallega li huwa Manager fis-socjeta' kummercjali BAM ! Limited, ipprovoka lil Zoran Stevanovic b'mod illi Zoran Stevanovic, illum jinsab dizokkupat, u ghaldaqstant l-attrici ma kien baqala l-ebda triq ohra ghajr illi kif zewgha l-konvenut Roderick Muscat u l-istess socjeta' kummercjali BAM ! Limited ipprovaw joqtluha bil-guh, billi lanqas retta alimentari ghall-mill inqas sitt (6) gimghat konsekuttivi sal-jum li fih qed tigi ntavolata din ic-citazzjoni

odjerna ma' l-istess konvenut Roderick Muscat ivversa lill-martu Alisa Muscat Stevanovic ma kellha l-ebda triq ohra ghajr li bl-aktar mod civili hija tintavola din ic-citazzjoni odjerna;

25. Illi premess dan kollu, tghid is-socjeta' konvenuta BAM ! Limited kif ukoll il-konvenut Roderick Muscat, ghala din il-Wsiq Onorabbli Qorti m'ghandhiex tirrifletti, tixtarr, tevalwa, taqta, tiddeciedi u tordna illi:

## Talbiet:

1. Fl-eventwalita' tal-kontumacja tal-konvenut jew minn min minnhom, din l-Onorabbli Qorti tappunta kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti konvenuti jew konvenut jew minn min minnhom, biex b'hekk il-prociediment ta' dawn il-proceduri, ta' din il-kawza, u l-interessi ta' l-attrici bl-ebda mod ma jigu stultifikati;

2. Jigu likwidati l-assi tas-socjeta' kummercjali BAM ! Limited, li ghandha n-numru tar-registrazzjoni C22125, irregistrata nhar it-tlettax ta' Novembru, tas- sena elf disa' mija sebgha u disghin (13.11.1997), u li fil-mument li qed tigi ntavolata din il-kawza ghadha qed tinfunzjona normalment skond il-Ligi li tirregola l-kumpaniji tal-1995;

3. Ghandhom jigu mahtura esperti fil-qasam ta' kif jahdmu s-socjetajiet kummercjali, inkluz il-hatra ta' Chartered Accountant kwalifikat u esperti ohra biex ikunu jistghu jezaminaw il-kotba kollha tas-socjeta' kummercjali konvenuta f'din il-kawza, b'mod illi jigi assigurat li t-talbiet attrici jkunu salvagwardati minn kull aspett ta' fatt u ta' ligi rikjest, mhux biss skond il-ligi tal-kumpaniji imma anke tal- interessi partikolari ta' l-attrici bhala mart il-Managing Director Roderick Muscat, wiehed mill-konvenuti f'din il-kawza odjerna;

4. Ghandu jigi likwidat is-salarju tal-attrici fil-kapacita' taghha ta' segertarja tas-socjeta' kummercjali konvenuta, u dana fis-sens illi hija ghandha tithallas l-arretrati li ghanhda tiehu sa minn Novembru tal-elf disa' mija disgha u disghin (1999), kalkolati bir-rata ta' mitejn u hamsin lira maltin (Lm250) fix-xahar u dana bhala parti mill-pretenzjonijiet legalment fondati li ghandha l-attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta BAM ! Limited, u dana bl.-imghaxijiet kollha dovuti sal-pagament effettiv stante li fil-jum tal-intavolar ta' din ic-citazzjoni odjerna, l-istess attrici qatt ma rceviet xi forma ta' avvizz formali li l-impieg taghha mas-socjeta' konvenuta kien gie b'xi mod mitmum;

5. Jigi likwidat sehem l-attrici mis-salarju tal-konvenut zewgha Roderick Muscat bhala Managing Director u ovvjament il-membru ewlieni tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta' kummercjali konvenuta BAM ! Limited u dana effettivament bl-imghaxijiet dovuti sal-pagament effett ta' sehem l-attrici kif hawn qed jigi mfisser mid-data li jigi stabbilit illi l-istess konvenut Roderick Muscat naqas illi jghaddi sehemu mis-salarju a bazi tal-principju tal-komunjoni ta' l-akkwisti lill-attrici martu, odjernament minnu '*de facto*' isseparata;

6. Jigu likwidati sehem l-attrici mill-privileggi li jiehu regolarment il-konvenut Roderick Muscat bhala Managing Director tas-socjeta' konvenuta BAM ! Limited, u dana bl-imghaxijiet dovuti sal-pagament jew remunerazzjoni effettiva fuq dawn il-privileggi mehudha mill-istess konvenut Roderick Muscat a bazi ta' rapport minn esperti f'dan il-qasam wara li dawn jezaminaw il-kotba kollha bl-*invoices* b'kollox tas-socjeta' kummercjali konvenuta;

7. Jigu likwidati sehem l-attrici mill-assi tas-socjeta' kummercjali konvenuta kif dawn ikunu applikabbli lill-konvenut Roderick Muscat bhala Mangaing Director tal-istess socjeta' konvenuta u dan bl-imghaxijiet kollha dovuti sal-pagament effettiv fid-dawl tal-ezami tal-esperti nominati minn din l-Onorabbli Qorti wara li dawn ikunu ezaminaw il-kotba u

d-dokumenti kollha u dak kollu li huwa relattiv ghal dan l-objettiv tal-istess socjeta' konvenuta BAM ! Limited;

8. Jigu likwidati sehem l-attrici mill-vettura rregistrata fuq isem il-konvenut Roderick Muscat tat-tip Kia Clarus, ta' kulur blu/vjola, bin-numru tar-Registrazzjoni BAM – 001 liema pagamenti qed isiru mill-fondi tas-socjeta' kummercjali konvenuta BAM ! Limited, u dana bl-imghaxijiet dovuti sal-pagament effettiv;

9. Prevja l-inventarju tal-proprjeta' mobbiljari, mobbli u/jew immobbiljari tas-socjeta' konvenuta BAM ! Limited, jigu likwidati sehem l-attrici kemm bhala Segretarja tas-socjeta' kummercjali BAM ! Limited, kif ukoll bhala mart il-Managing Director, il-konvenut Roderick Muscat, liema sehem ghandu jinkludi l-imghaxijiet relattivi sal-pagament effettiv, u dana dejjem fid-dawl tar-rapport sollevat minn esperti nominati ghal dan l-objettiv minn din l-Onorabbli Qorti anke fid-dawl tat-talbiet attrici kif hawn fuq suesposti;

10. Jigu likwidati l-ishma tas-socjeta' kummercjali konvenuta b'mod illi l-attrici tkun taf kemm huwa s-sehem taghha minn dawn l-ishma partikolarment considerando li l-konvenut zewgha Roderick Muscat huwa l-Managing Director tal-istess socjeta' kummercjali konvenuta BAM ! Limited;

11. Jigu likwidati l-ishma tal-konvenut Roderick Muscat fil-kumpanija konvenuta BAM ! Limited, mill-liema ishma ghandu jigi likwidat sehem l-attrici li hija mart il-konvenut Roderick Muscat minnu '*de facto*' isseparata, u dana bl-imghaxijiet kollha dovuti sal-pagament effettiv;

12. Wara li jsiru l-likwidazzjonijiet kollha kif mitluba mill- attrici fit-talbiet taghha hawn suesposti, ghandha tigi ffissata dik is-somma komplessa u globali dovuta lill-attrici mill-konvenuti jew minn min minnhom, u l-modalitajiet ta' kif tali somma ghandha tithallas, bl-imghaxijiet kollha dovuti sal-pagament effettiv;

*21 ta' Gunju, 2001.*

13. Ghandhom jigu maghmula disponibbli lill-attrici fil-prezenza tal-esperti nominati minn din l-Onorabbli Qorti ghal dan l-objettiv id-dokumenti u kotba kollha, l-akkonti bankarji, l-investimenti, u l-inventarju tal-proprjeta' mobbli, mobbilja u/jew immobbli tal-istess socjeta' konvenuta BAM ! Limited u dana sabiex l-istess attrici tkun tista tasal ghall-likwidazzjoni gusta ghal dak li huwa tabilhaq is-sehem taghha fid-dawl tat-talbiet attrici kif hawn fuq suesposti;

14. L-attrici ghandha tigi rimborsata ghall-ispejjez u drittijiet kollha li kienet kostretta li taghmel billi dawn il-proceduri kienet kostretta li taghmilhom minhabba t-tifrik taz-zwieg taghha mal-konvenut Roderick Muscat ghal ragunijiet unikament imputabbli lilu fosthom adulterju ma diversi nisa u wahda minnhom aktar mill-ohrajn kif jigi mfisser fil-mori ta' din il-kawza, u fin-nuqqas da parti tal-istess konvenut Roderick Muscat li jasal ghall-ftehim bonarju gust u ekwu ma' l attrici martu Alsia Muscat sive Alisa Muscat Stevanovic, u li a bazi ta' dan gja' hemm pendenti kawza ta' firda legali bejniethom u talbiet konnessi kif diga' mfisser aktar kmieni f'dan id-dokument fl-intier tieghu kollu;

15. Ghandhom jinghataw kwalsiasi forma ta' provedimenti direttament jew indirettament konnessi mat-talbiet attrici f'din il-kawza odjerna, fis-sens illi kull salvagwardar illi jkun mehtieg biex jipprotegi l-interessi kollha tal-attrici fis-socjeta' kummercjali BAM ! Limited ghandhom jkunu koperti b'din l-ahhar talba f'din il-kawza odjerna, biex b'hekk bl-ebda mod ma t-talbiet tal-attrici jigu stultifikati u b'hekk tigi evitata li l-gustizzja mhux biss issir imma tidher li qed issir ma' l-istess attrici;

Bl-ispejjez u bid-drittijiet kollha, inkluzi dawk ta' kwalsiasi att direttament jew indirettament konness ma' din ic-citazzjoni odjerna, fosthom ir-rikorsi ghat-talbiet biex jinhargu mandati propizi anke fir-rigward tas-socjeta' kummercjali konvenuta BAM ! Limited, liema spejjez u drittijiet ghandhom ikunu kontra l-istess konvenut BAM ! Limited u Roderick Muscat jew minn min minnhom, liema zewg konvenuti jigu minn issa ngunti

insubizzjoni, bil-pieni stabbiliti mil-ligi fl-eventwalita' tal-kontumacja tal-konvenuti jew minn min minnhom;

B'rizerva ta' kwalsiasi azzjonijiet ohra procedurali li l-attrici tirrizerva li tista' tiehu a bazi u konnessi direttament jew indirettament mat-talbiet taghha odjerni f'din ic-citazzjoni partikolari;

Rat id- Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-istess attrici;

Rat in-Nota tal-imharrek Roderick Muscat tal-21 ta' Frar, 2001, li biha eccepixxa:

Illi preliminarjament, l-azzjoni attrici kif promossa hija rrita u nulla ai termini ta' l-artikolu 789(1)© tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 ta' l- Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta) u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l- istess attrici, u dan stante li fuq il-formola ta' citazzjoni preskritta tassattivament bhala numru 6 ta' l-Iskeda B tal-Kap 12 mahruga ai termini ta' l-artikolu 1007(1) ta' l-istess Kap. 12 l-attrici unilateralment aggungiet il-kliem "Qorti tal- Familja" meta ma tezisti l-ebda Prim'Awla tal-Qorti Civili, Qorti tal-Familja, kompetenti sabiex tisma' u tiddeciedi fuq it-talbiet attrici;

Illi preliminarjament ukoll, in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghadha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici u dan satnte li, fl-ewwel lok, il-konvenut ma huwiex kontumaci f'dawn il-proceduri ghar-raguui li pprezenta n-nota ta' l-eccezzjonjijiet tieghu entro t-terminu ta' ghoxrin gurnata minn meta dan giet notifikata bl-att ta' citazzjoni, u fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, f'kaz ta' kontumacja ta' konvenut, ma tezisti l-ebda procedura fil-ligi tat-tip mitlub;

Illi preliminarjament ukoll, in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni u t-tielet talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante li mkien fil-ligi ma huma permessi r-rimedji rikjesti mill-attrici hlief semmaj bhala parti minn proceduri appositi u specifici maghmula ai termini ta' d-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Att tal-1995 Dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 ta' l-Ed. Riv. Tal- Ligijiet ta' Malta), liema proceduri certament ma gewx istitwiti mill-attrici f'din il-kawza;

Illi preliminarjament ukoll, in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ma hijiex il-qorti kompetenti *ratione materiae* sabiex tiddeciedi dwar ir-raba' talba ta' l-attrici stante li dik hija kwistjoni ta' kompetenza ta' qorti ohra, bil-konsegwenza li r-raba' talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici, u dan a tenur ta' l-artikolu 741(b) ta' l-fuq imsemmi Kap 12;

Illi preliminarjament ukoll, in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici bin-numri "5" sa "13" u "15" ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici, u dan stante li semmaj dawk l-istess talbiet ghandhom jigu nkwadrati u promossi fil-kuntest aktar ampju ta' kawza ghas-separazzjoni personali (art. 35-66 ta' l-Kap. 16 ta' l-Ed. Riv. Tal-Ligijiet ta' Malta, u fuq dan il-punt l-attrici gja' ntavolat dawn il-proceduri kontra l-konvenut, bin-numru ta' referenza cit. 2643/00NA), u/jew ta' kawza ghall-qsim gudizzjarju ta' beni (art. 1332 ta' l-istess Kap. 16);

Illi preliminarjament ukoll, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici, u dan stante li huma ghal kollox intempestivi u maghmulin minghajr qatt ma kien hemm interpellazzjoni informali u/jew formali da parti ta' l-attrici fil-konfront ta' l-konvenut;

Illi preliminarjament ukoll, in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-att ta' citazzjoni attrici, li presentement jikkonsisti f'dokument ta' dsatax-il faccata, ghandu jigi mnehhi mill-

inkartament u mbiddel b'iehor floku maghmul skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 159 ta' l-imsemmi Kap. 12, stante li dak odjern huwa mimli hwejjeg mhux mehtiega sabiex jigu mfissra l-allegati fatti sustanzjali fic-citazzjoni, u dan kollu ai termini ta' s-subartikolu "2" ta' l-istess art. 159 ta' l-imsemmi Kap. 12;

Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, ir-raba' talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante li l-attrici qatt ma rceviet salarju minghand is-socjeta' konvenuta;

Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, it-talbiet attrici indikati fic-citazzjoni bin-numri minn "5" sa "13" u "15" ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante li ma hemm assolutament xejn dovut mill-konvenut lill-attrici fil-kuntest ta' din il-kawza;

Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, l-erbatax it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante li assolutament kienu ntempestivi ghal kollox l-azzjonijiet attrici flimkien mat-talbiet taghha li f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghal dak gja' eccepit, ghandhom jigu kollha michuda bhala lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt;

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imharrek, flimkien mal-hames (5) Dokumenti maghha mehmuzin [pagni 46 sa 70 tal-process];

Rat in-Nota tal-kumpannija mharrrka BAM ! Limited imressqa fil-21 ta' Frar, 2001, li biha eccepiet:

Illi preliminarjament, l-azzjoni attrici kif promossa hija rrita u nulla ai termini ta' l-artikolu 789(1)© tal-Kodici ta'

Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 ta’ l- Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta) u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l- istess attrici, u dan stante li fuq il-formola ta’ citazzjoni preskritta tassattivament bhala numru 6 ta’ l-Iskeda B tal-Kap 12 mahruga ai termini ta’ l-artikolu 1007(1) ta’ l-istess Kap. 12 l-attrici unilateralment aggungiet il-kliem “Qorti tal- Familja” meta ma tezisti l-ebda Prim’Awla tal-Qorti Civili, Qorti tal-Familja, kompetenti sabiex tisma’ u tiddeciedi fuq it-talbiet attrici;

Illi preliminarjament ukoll, in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghadha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici u dan satnte li, fl-ewwel lok, il-konvenut ma huwiex kontumaci f’dawn il-proceduri ghar-raguui li pprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonjijiet tieghu entro t-terminu ta’ ghoxrin gurnata minn meta dan giet notifikata bl-att ta’ citazzjoni, u fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, f’kaz ta’ kontumacja ta’ konvenut, ma tezisti l-ebda procedura fil-ligi tat-tip mitlub;

Illi preliminarjament ukoll, in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni u t-tielet talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante li mkien fil-ligi ma huma permessi r-rimedji rikjesti mill-attrici hlief semmaj bhala parti minn proceduri appositi u specifici maghmula ai termini ta’ d-disposizzjonijiet rilevanti ta’ l-Att tal-1995 Dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 ta’ l-Ed. Riv. Tal- Ligijiet ta’ Malta), liema proceduri certament ma gewx istitwiti mill-attrici f’din il-kawza;

Illi preliminarjament ukoll, in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili ma hijiex il-qorti kompetenti *ratione materiae* sabiex tiddeciedi dwar ir-raba’ talba ta’ l-attrici stante li dik hija kwistjoni ta’ kompetenza ta’ qorti ohra, bil-konsegwenza li r-raba’ talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici, u dan a tenur ta’ l-artikolu 741(b) ta’ l-fuq imsemmi Kap 12;

Illi preliminarjament ukoll, in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici bin-numri “5” sa “13” u “15” ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici, u dan stante li semmaj dawk l-istess talbiet ghandhom jigu nkwadrati u promossi fil-kuntest aktar ampju ta’ kawza ghas-separazzjoni personali (art. 35-66 ta’ l-Kap. 16 ta’ l-Ed. Riv. Tal-Ligijiet ta’ Malta, u fuq dan il-punt l-attrici gja’ ntavolat dawn il-proceduri kontra l-konvenut, bin-numru ta’ referenza cit. 2643/00NA), u/jew ta’ kawza ghall-qsim gudizzjarju ta’ beni (art. 1332 ta’ l-istess Kap. 16);

Illi preliminarjament ukoll, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici, u dan stante li huma ghal kollox intempestivi u maghmulin minghajr qatt ma kien hemm interpellazzjoni informali u/jew formali da parti ta’ l-attrici fil-konfront ta’ l-konvenut;

Illi preliminarjament ukoll, in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-att ta’ citazzjoni attrici, li presentement jikkonsisti f’dokument ta’ dsatax-il faccata, ghandu jigi mnehhi mill-inkartament u mbiddel b’iehor floku maghmul skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 159 ta’ l-imsemmi Kap. 12, stante li dak odjern huwa mimli hwejjeg mhux mehtiega sabiex jigu mfissra l-allegati fatti sustanzjali fic-citazzjoni, u dan kollu ai termini ta’ s-subartikolu “2” ta’ l-istess art. 159 ta’ l-imsemmi Kap. 12;

Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, ir-raba’ talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante li l-attrici qatt ma rceviet salarju minghand is-socjeta’ konvenuta;

Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, it-talbiet attrici indikati fic-citazzjoni bin-numri minn “5” sa “13” u “15” ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-

istess attrici stante li ma hemm assolutament xejn dovut mill-konvenut lill-attrici fil-kuntest ta' din il-kawza;

Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, l-erbatax it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante li assolutament kienu ntempestivi ghal kollox l-azzjonijiet attrici flimkien mat-talbiet taghha li f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghal dak gja' eccepit, ghandhom jigu kollha michuda bhala lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt;

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija mharrka, flimkien mal-hames (5) dokumenti mehmuzin maghha [pagni 71 sa 97 tal-process];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imharrkin imressqa fis-16 t'April, 2001 [pagni 101 sa 103 tal-process];

Rat id-Degriet taghha tal-10 ta' Mejju, 2001, li bih ordnat it-tnehhija mill-atti tal-att imressaq mill-attrici fil-25 t'April, 2001, bi twegiba ghan-Nota tal-imharrkin;

Semghet lill-avukati tal-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar l-ewwel u s-seba' eccezzjonijiet preliminari tal-imharrkin;

Rat id-Degriet taghha tal-10 ta' Mejju, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghad-decizjoni dwar l-imsemmija zewg eccezzjonijiet preliminari;

## *Ikkunsidrat:*

Illi z-zewg eccezzjonijiet li dwarhom qeghda tinghata din id-decizjoni huma (a) in-nullita' tal-Att tac-Citazzjoni skond l-artikolu 789(1)(c) tal-Kap. 12; u (b) l-irregolarita' tal-istess Att tac-Citazzjoni minhabba li fih hwejjeg mhux mehtiega u t-talba ghall-bidla tieghu skond l-artikolu 159 tal-Kap. 12;

Illi z-zewg eccezzjonijiet huma komuni ghaz-zewg imharrkin;

Illi l-kazijiet li fihom l-eccezzjoni tan-nullita' ta' atti gudizzjarji jistghu jinghataw huma dawk imsemmija fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-erba' (4) cirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassativi, fis-sens li biex dik l-eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taht il-parametri ta' xi wahda mill-imsemmija cirkostanzi;

Illi, minbarra dan, bis-sahha tal-bidliet li saru fil-ligi bl-Att XXIV tal-1995, l-eccezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-hrug tal-att gudizzjarju minn qorti li mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi. Tifsira tajba ta' din id-disposizzjoni, flimkien ma' l-isfond li fih il-legislatur wera li ried iqeghdha, hija moghtija f'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-**28 ta' Jannar, 1998**, fil-kawza fl-ismijiet _*Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino*_ [Kollez. Vol. **LXXXII.ii.30**];

Illi, f'dan il-kaz, il-ligi qeghda taghmel riferenza ghall-bidliet illi jistghu jsiru f'att gudizzjarju bis-sahha tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12, ukoll kif mibdul fl-1995;

Illi l-ligi tipprovdi wkoll li att gudizzjarju, maghmul bis-sahha ta' att null jew li gej minn att null, huwa null ukoll [art. 98 tal-Kap 12];

Illi f'dan il-kaz, l-imharrkin qeghdin isejsu din l-eccezzjoni taghhom fuq dak li jipprovdi l-paragrafu © tas-subartikolu (1) tal-

artikolu 789 li jitkellem dwar nullita' ta' att gudizzjarju minhabba ksur tal-forma mehtiega;

Illi l-imharrkin jghdu li din l-eccezzjoni tqanqlet minhabba li fl-Att tac-Citazzjoni zdiedu l-kliem "Qorti tal-Familja" wara l-Qorti li fiha l-Att tac-Citazzjoni gie mressaq;

Illi filwaqt li l-imharrkin jghidu li ma tesisti l-ebda Qorti b'dak l-isem fl-ordinament guridiku taghna, l-attrici tghid li dik il-frazi ddahhlet biss b'ghan li tghin tikkjarifika n-natura tat-talbiet taghha u mhux holqien ta' element gdid li mhux permess f'Att tac-Citazzjoni;

Illi, kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna, id-distinzjoni bejn nullita' mtella' taht il-paragrafu © u dik taht il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att gudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali mehtiega mil-ligi, u mhux "semplici" ksur tal-forma preskritta [ara. per ezempju, PACS tal-**4 ta' Novembru, 1988** fil-kawza fl-ismijiet *Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*];

Illi ghandu jinghad li ghalkemm ghal tul ta' zmien il-forma tal-att gudizzjarju kienet issaltan biex tiddetermina wkoll is-siwi tieghu, biz-zmien u b'interventi tal-legislatur, isawret id-duttrina maghrufa bhala tal-"ekwipollenti" li nisslet il- principju li m'hijiex mehtiega ebda ghamla espressa ghall-proposizzjoni tal-azzjoni [ara, per ezempju, s-sentenza ta' din il-Qorti tad-**9 ta' Marzu, 1965** fil-kawza fl-ismijiet *Marianna Muscat nomine vs Avukat Dottor Joseph Cassar et nomine* (Kollez. Vol. XLIX.ii.809) u l-gurisprudenza hemm imsemmija];

Illi dan kollu gie mtenni f'dawn l-ahhar zminijiet mill-oghla Qorti taghna meta nghad li "l-atti kemm jista' jkun ghandhom jigu salvati biex issir gustizzja sostanzjali fuq il-mertu tal-kaz. Illi kif gie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorosita' procedurali u l-formalismu esagerat rarament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk m'ghandhomx, normalment, janimaw l-

andament tal-kawza" [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-**12 ta' Mejju, 1998**, fil- kawza fl-ismijiet *Michael Attard nomine vs Raymond Galea*];

Illi, ghalhekk, Citazzjoni m'ghandhiex tigi mwaqqa' ghajr ghal ragunijiet gravi [ara Appell Civili tal-**20 ta' Frar, 1935**, fil-kawza fl-ismijiet *Rosario Merola pro. et noe. vs Salvatore Caruso* (Kollez. Vol:**XXIX.i.106**)];

Illi huwa maghruf li, bhalissa, m'hawnx Qorti tal-Familja fis-sistema gudizzjarju Malti: il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, f'wahda mit-taqsimiet taghha, twettaq hidma dwar kawzi li jkollhom aspetti li jolqtu disgwid matrimonjali jew problemi ohrajn miruta minnhom. Ghall-kuntrarju tad-distinzjoni maghmula mil-ligi dwar proceduri matrimonjali u xi beneficcji marbuta maghhom, ma hemm l-ebda distinzjoni fil- ligi s'issa dwar kostituzzjoni ta' tribuinal appositu li jmexxi dawn il-proceduri;

Illi huwa fatt li, madankollu, bil-hsieb li jkun hemm amministrazzjoni izjed uniformi ta' dawn il-kawzi, wahda mill-awli ta' din il-Qorti tigi moghtija u assenjata l-kawzi ta' proceduri matrimonjali u kwestjonijiet marbutin maghhom: b'daqshekk, ma tkun qeghda tinholoq l-ebda Qorti apposita;

Illi, ghall-kuntrarju ta' dak li l-attrici riedet tikseb meta zdiedet il-frazi "Qorti tal-Familja" fuq l-Att tac-Citazzjoni taghha, il-kawza mhux talli ma gietx assenjata lill-Qorti li normalment bhalissa jigu assenjati lilha kawzi bhal dawn, imma xorta wahda giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta;

Illi jidher ukoll minn uhud mit-talbiet li l-azzjoni attrici m'hijiex ghal kollox wahda li tista' titqies bhala "procedura matrimonjali" li s-soltu jigu trattati quddiem il-"qorti tal- familja" presenti. Dan biex ma jinhad xejn ukoll ghall-fatt li wahda mill-imharrkin hija socjeta' kummercjali;

Illi, b'zieda ma' dan, l-artikolu 789 (1)© jikkwalifika l-validita' tal-eccezzjoni b'kundizzjoni siewja hafna, u jigifieri li l-ksur fil-forma tal-att gudizzjarju jgib in-nullita' jekk kemm-il darba jgib lill-parti li qeghda titlob in-nullita' tal-att pregudizzju li ma jistax jissewwa jekk mhux billi l-att jigi annullat;

Illi, fil-kaz presenti, l-Qorti ma tarax kif, il-frazi impunjata mill-imharrkin tista' tarrekalhom din l-ghamla ta' pregudizzju;

Illi l-Qorti taqbel ma' bosta mis-sottomissjonijiet ghar-rigward ta' din l-eccezzjoni maghmula mill-imharrkin fin-Nota studjata taghhom, imma ma ssibx li z-zieda tal-frazi "Qorti tal-Familja", ghalkemm zejda u, f'dan il-kaz, ininfluwenti, <u>bidlet</u> il-forma tal-Att kif preskritt fl-artikolu 1007 tal-Kap 12. Lanqas ma jidher li hija ta' min jilqaghha s-sottomissjoni li l-qofol tal-kwestjoni mnissla bl-azzjoni presenti hija wahda ta' natura kummercjali u ghalhekk, izjed u izjed, ma jaghmilx sens li tissemma l-"qorti tal-familja", u dan ghaliex, sa mill-1995, id-distinzjoni bejn qorti ta' kompetenza civili u dik ta' kompetenza kummercjali tnehhiet;

Illi ta' min ifakkar li l-eccezzjoni li ttellghet mill-imharrkin hija taht is-sub-inciz (1)© u mhux taht is-sub-inciz (1)(b) tal- artikolu 789 tal-Kap 12;

Illi jekk wiehed japplika dan li ghadu kemm inghad mal-kwestjoni li ddur mal-eccezzjoni taht esami, isib li l-aggravju tal-imharrkin mhux misthoqq u li l-frazi mizjuda fl-Att tac-Citazzjoni ma ggibx in-nullita' tal-att, ghalkemm hija zejda;

Illi dwar it-tieni eccezzjoni taht esami, irid jinghad li din m'hijiex proprjament eccezzjoni li twaqqaf l-andament tal- kawza, izda izjed rikjam ghal dak li tghid il-ligi procedurali dwar il-kontenut ta' att gudizzjarju, hawnhekk specifikatament l-Att tac-Citazzjoni promotur;

Illi, f'din il-parti, l-imharrkin jilmentaw mhux biss mit-tul tal-Att tac-Citazzjoni, imma wkoll minn ghadd ta' kummenti li jqisu bhala irrilevanti jew bla bzonn;

*21 ta' Gunju, 2001.*

Illi, min-naha taghha, l-attrici ttenni li dak li nghad fl-Att tac-Citazzjoni kien kollu mehtieg ghax iwettaq l-obbligu li l-azzjoni tigi mfissra b'mod car u sewwa dwar l-oggett u r-raguni tat-talbiet, kif imfisser fl-artikolu 156 (1) tal-Kap 12;

Illi mhux kontestat li biex l-attrici wettqet dan id-dmir hadet tul izzejjed li jinfirex fuq tmintax-il (18) pagna mill-atti tal- kawza. Daqskemm huwa dmir tal-attur skond il-ligi li jaghti tifsir car u sewwa tal-oggett u tat-talbiet, daqstant hija cara l-ligi (fl-artikolu 159(1) tal-Kap 12) li c-Citazzjoni (bhan-Nota tal-Eccezzjonijiet) ghandha tkun fil-qosor, u m'ghandu jkun hemm ebda kumment jew hwejjeg mhux mehtiega biex jigu mfissra l-fatti sustanzjali taghha;

Illi l-Qorti tifhem li dan huwa li trid il-ligi, minhabba li l-parti ghandha d-dmir li tfiehem u telabora kemm jidhrilha hi l-fatti fid-Dikjarazzjoni mahlufa, li l-ghan taghha huwa sewwasew li tlahham dak li jkun inghad fl-Att tac-Citazzjoni jew fin-Nota tal-Eccezzjonijiet, skond il-kaz;

Illi jekk wiehed jaqra l-premessi (u whud mit-talbiet) fl-Att tac-Citazzjoni presenti, wiehed ghandu jsib li tassew hemm hwejjeg li huma zejda, jew li sahansitra mhux posthom f'Att tac-Citazzjoni, bhalma wkoll hemm hwejjeg dettaljatament rilevanti u li jaghtu l-hjiel ta' dak li l-attrici trid tikseb b'din il-kawza. Izda dan seta' u messu sar tqieghed fid-Dikjarazzjoni mahlufa taghha, kif, wara kollox hija stess tghid li trid isir fid-disa' (9) paragrafu tad-Dikjarazzjoni mahlufa minnha;

Illi dan kollu, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, juri li l-attrici, fit-tfassil tal-Att tac-Citazzjoni, ma harsitx dak li trid il-ligi. Izda dan, fi kliem il-ligi nnifisha, ma jgibx in-nullita' tal-att, imma jaghti lok ghall-provvedimenti li din il-Qorti se' taghti fil-parti dispositiva ta' din id-decizjoni;

Illi, ghalhekk, il-Qorti ssib li t-talba maghmula mill-imharrkin f'dan ir-rigward ghandha mis-sewwa u jisthoqqilha tinghata widen;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi:

Billi **tichad l-ewwel (1) eccezzjoni ta' nullita'** tal-Att tac-Citazzjoni mtella' mill-imharrkin; u

**Tilqa s-seba' (7) eccezzjoni taghhom** u, ghall-finijiet tal-artikolu 159(2) tal-Kap 12, tordna t-tnehhija tal-Att tac-Citazzjoni mill-atti tal-kawza u li, a kariku tal-attrici, jiddahhal minfloku Att iehor li m'ghandux ikun itwal minn tlitt (3) pagni b'tipa indaqs tal-Att originali, li ghandu jinkludi l-premessi u t-talbiet kollha tal-attrici;

L-ispejjez ta' dan l-episodju ghandhom jigu determinati meta l-kawza tinqata' fil-mertu.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**21 ta' Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Gunju, 2001.**